MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Numru. 676/2012

**SPETTUR KEITH ARNAUD**

**SPETTUR TONY CACHIA**

**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**VS**

**GORDON PICKARD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Gordon Pickard ta’ 35 sena, bin Godwin u Ethel nee’ Massa, mwieled Pieta’ nhar l- 4 ta’ April 1977, residenti Silver, Springs, Block B, Flat 7, Triq il- Labour, Zabbar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 216277M;

> Talli gewwa l- gzejjer Maltin, matul il- lejl ta’ nhar id- 29 u t- 30 ta’ Gunju 2012, xjentement issoprma jew b’ xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l- indizji ta’ reat;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 19 ta’ Gunju 2013, fejn gew indikati l-Artikoli tal-ligi li tahthom kellu jghaddi in gudikat l-imputat;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza sommarjament minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fil-lejl indikat, gewwa c-Centru ta’ detenzjoni f’Hal Safi, wiehed mill-immigranti mizmuma hemm, Mohammed Abdalla, jew kif kien maghruf bhala Avadi Madou, minn Mali, harab mic-Centru wara li kien ingab lura hemm mill-poliklinika tal-Furjana. Zewg ufficjali tal-armata, is-Surgent Mark Anthony Dimech u Gunner Clive Cuschieri, hargu jfittxuh bil-vann tal-armata. L-imputat Gordon Pickard, ukoll ufficjal tal-armata, kien ghadu kemm beda x-“shift” tax-xoghol dak il-lejl, u hareg ifittex lil Madou bil-karozza privata tieghu. Wara tfittxija li ma dametx aktar minn nofs siegha, Madou instab minn Dimech u Cuschieri f’lokalita’ fil-qrib tac-Centru. Ftit tal-hin wara wasal fuq il-post anke Pickard, meta Madou kien gia’ taht il-kontroll taz-zewg ufficjali l-ohra. Madou gie mqieghed fuq wara fil-vann tal-armata, u ttiehed lura fic-Centru. Minn

hemm ittiehed il-poliklinika ta’ Rahal Gdid. Fil-vann, flimkien ma’ Dimech, Cuschieri u Pickard, telghu wkoll zewg ufficjali ohra, Marco Cuschieri u Francis Scerri, li rikbu fuq wara tal-vann fejn kien hemm Madou mitluq mal-art tal-istess vann. Hekk kif waslu fil-poloklinika, Madou gie certifikat mejjet, u giet imsejha l-Pulizija. Meta gew mitkellma mill-Pulizija, il-hames ufficjali in kwistjoni, u cioe’ Dimech, Cuschieri u Pickard mill-armata, u Scerri u Cuschieri mic-Centru, ilkoll qalu li Madou kien qed jissara mal-membri tal-armata qabel ma gie arrestat u mmanettjat, u baqa’ jissara anke fil-vann. Minn investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija, din il-verzjoni ta’ fatti ma bdietx taqbel, u l-hames ufficjali gew arrestati u interrogati separatament. Minn din l-interrogazzjoni rrisulta li z-zewg ufficjali tac-Centru, Scerri u Cuschieri, kienu gew avvicinati minn membru jew membri tal-armata u ntqal lilhom li kellhom jaghtu verzjoni ta’ fatti li kienet dik moghtija hawn fuq, jigifieri li Madou baqa’ jissara maghhom il-hin kollu, meta fil-fatt Madou ma kien offra ebda resistenza wara li kien gie  mdahhal fil-vann tal-armata. Ghalhekk il-Pulizija regghu ikkonfrontaw lit-tlitt ufficjali tal-Armata b’din l-informazzjoni, u rrisulta li t-tlieta kienu ftehmu li jaghtu verzjoni ta’ fatti li ma kienetx vera u korretta. Wara li regghu ttiehdu stqarrijiet ohra, il-Pulizija ressqu lis-Surgent Dimech u lil Gunner Cuschieri b’akkuzi separati li kienu kkagunaw il-mewt ta’ Madou, u l-imputat Pickard tressaq akkuzat bir-reat ta’ okkultament ta’ provi, li ssoprima, qered, jew biddel tracci ta’ delitt. Ghalhekk inbdew dawn il-proceduri fil-konfront tieghu.

Minn dawn il-fatti fil-qosor jemergu zewg mumenti fl-incident in kwistjoni li ghal din il-Qorti huma distinti u separati minn xulxin. L-ewwel mument huwa meta Madou jigi maqbud minn Dimech u Cuschieri, li kif irrisulta mill-provi

kellhom juzaw forza biex izommuh milli jerga’ jahrab mill-kustodja taghhom. It-tieni mument huwa meta t-tlitt ufficjali allegatament jiftehmu bejniethom dwar x’verzjoni ghandhom jaghtu lill-awtoritajiet, peress illi kien gia’ evidenti li Madou kien qieghed fi stat hazin hafna hekk kif gie mqieghed fil-vann. Ir-reat li gie akkuzat bih Pickard jikkoncerna t-tieni mument f’dan l-incident, meta suppost it-tlieta li huma ftehmu x’ghandhom jghidu, u b’hekk imbaghad ippruvaw idahhlu maghhom liz-zewg ufficjali tac-Centru, lil Scerri u Cuschieri. Ghalhekk il-Qorti sejra tikkoncentra fuq dan it-tieni mument tal-incident fl-esami tal-provi, biex tara jekk effettivament kienx hemm dan il-ftehim jew arrangament bejn it-tlitt membri tal-Armata, u kienx hemm ghalhekk l-isforz biex jigu mistura l-provi fuq kif gie maqbud Madou u kif spicca biex tilef hajtu.

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda f’din il-kawza. Fost ix-xhieda ewlenija hemm zgur iz-zewg ufficjali tac-Centru ta’ Detenzjoni, Francis Scerri u Marco Cuschieri, li kienu l-ewwel persuni li dahlu fil-vann fejn Madou u li kienu gew avvicinati biex jaghtu verzjoni ta’ fatti differenti minn kif sehhet verament din il-grajja hekk tragika.

Marco Cuschieri xehed fis-seduta tal-5 ta’ Lulju, 2012, hamest’ ijiem biss wara l-incident, flimkien mal-kollega tieghu Francis Scerri. Cuschieri qal li xoghlu bhala “detention services officer” (DSO) jinkludi li jkun skorta mal-persuni mizmuma hemm meta dawn jittiehdu l-isptar jew il-qorti. Spjega li l-vann tal-Armata fih tlitt kompartimenti. Fuq quddiem ikun hemm ix-xufier u gieli xi ufficjal iehor. Fil-kompartiment tan-nofs ikun hemm “detention officer”. Fuq wara, dak li komunement jissejjah ‘il-gagga’, ikun hemm id-detenut. Cuschieri

spjega kif gieli ikollhom jimmanettjaw lid-detenuti u gieli le, u meta d-detenut ikun aggressiv jirkbu zewg “detention officers” ohra flimkien max-xufier, wiehed quddiem u iehor fin-nofs bejnhom u bejn il-gagga bid-detenut fiha. Qal li qatt ma jkun hemm ufficjal fil-gagga fuq wara mad-detenut.

Cuschieri qal li ghall-habta tad-9 ta’ filghaxija, Madou kien ittiehed fil-klinika tal-Furjana ghax kien qed jilmenta minn ugigh f’rasu u f’zaqqu, u li kellu tarbija u li kien joqghod il-Furjana stess jew il-Gzira, u li sa dak il-hin kien b’sahhtu u f’sikktu. Hu spjega kif kienu fil-vann meta haduh il-klinika tal-Furjana. Gunner Cuschieri kien ix-xufier tal-vann, DSO Scerri qaghad fil-kabina quddiem fejn ix-xufier, u hu qaghad bejn il-kabina u l-gagga, fil-kompartiment tan-nofs. Madou kien wahdu fil-gagga, immanettjat minn idejh. Fil-klinika Madou ma kienx qed ighid kliem bis-sens, izda qatt ma kien aggressiv jew tahom l-inkwiet. It-tabib li rah qalilhom biex l-ghada jiehduh l-isptar ghal aktar kura medika, possibilment anke kura psikjatrika. Huma telqu mill-klinika u marru lura Hal Safi fejn Madou inghata lil Pickard li ha hsieb iqeghdu fil-bini fejn kellu jinzamm in detenzjoni. Wara ftit, sar jaf li harab xi hadd, u ra l-vann tal-armata hiereg mic-Centru, u wara l-vettura privata ta’ Pickard hierga wkoll.

Ghaddiet xi nofs siegha u l-vann dahal lura, u x-xufier, Gunner Clive Cuschieri, beda jghajjat ghall-manetti. Il-vann waqaf ftit ‘il boghod minn fejn jieqaf is-soltu, ‘il barra mix-xatba. Ix-xhud ha l-manetti tieghu u tahom lis-Surgent Dimech, li kien riekeb fil-vann flimkiem ma’ Pickard. Dawn it-tnejn kienu riekbin fuq wara fil-gagga hdejn Madou, u t-tnejn kienu kokka magenbu hdejh, wiehed fuq quddiem hdejn saqajh u l-iehur fuq wara hdejn rasu. Id-DSO l-iehor

Francis Sceri gab il-manetti tieghu wkoll, u Dimech qieghed il-manetti ma' idejn u saqajn Madou, li kien mitluq mal-art fil-vann, saqajh lejn il-kabina u rasu lejn il-bieba ta' wara. Madou ma kienx qed jiccaqlaq jew jitkellem. Dak il-hin Pickard ta ordni lix-xhud u lil Scerri biex huma t-tnejn jitilghu fil-vann fuq wara fil-gagga hdejn Madou, mentri Pickard tela' fil-vann fin-nofs, u Dimech qaghad quddiem hdejn ix-xufier. Qabel ma huma hadu lil Madou fil-poloklinika, saqu l-vann lejn bini iehor fic-Centru u t-tlitt membri tal-armata nizlu mill-vann u marru fl-ufficcju tas-Sur Camilleri, kellmuh ghal xi tlitt minuti u marru l-policlinic. Waqt dan il-hin kollu Madou ma ccaqlaq xejn u ma tkellem xejn. Wiehed mis-suldati qalilhom biex jmissulu l-polz, u Scerri misslu ghonqu lil Madou. Ix-xhud u Scerri harsu lejn xulxin u ma qalu xejn.

Meta waslu l-klinika ta' Rahal Gdid, is-Surgent Dimech u l-imputat Pickard hargu mill-vann u telghu jistaqsu ghat-tabib. Pickard nizel b'siggu tar-roti, u x-xufier Gunner Cuschieri fetah il-bibien ta' wara fejn kien hemm Madou u z-zewg DSO's. Sadattant nizel it-tabib, ezamina lil Madou, u ccertifikah mejjet. Meta t-tlitt suldati tal-armata kienu wehidhom mad-DSO's, xi hadd mis-suldati qal li l-hamsa li huma kellhom ighidu li Madou rresista meta kien fil-"barracks" fic-Centru. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni min qal dan id-diskors, li kellhom ighidu li Madou kien irresistihom fil-"barracks", ix-xhud wiegeb li kien l-imputat Pickard li qal hekk. Dan intqal biex hadd minnhom ma jigi fl-inkwiet. Huma qablu bejniethom, ghalkemm ix-xhud qal li hu fehem li l-fatti ma kienux graw hekk, jigifieri li Madou ma offra ebda resistenza fil-"barracks". Aktar tard gie fuq il-post is-Sur Camilleri, wiehed mis-superjuri taghhom fl-armata, u tkellem mas-surgent Dimech. Imbaghad waslu l-Pulizija.

Francis Scerri xehed ukoll fl-istess seduta, u kkorrobora l-verzjoni ta' fatti li kien ta qablu Marco Cuschieri. Hu qal li kienu hadu lil Madou l-ewwel darba l-klinika tal-Furjana ghax kien qed jilmenta minn ugigh f'rasu u f'zaqqu, u li kien gab ruhu sew maghhom tul dak il-hin li kien mieghu. Qal ukoll li kif waslu lura c-Centru, ftit wara semghu li kien harab detenut u li raw il-vann hiereg u l-vettura ta' Pickard hierga wara l-vann. Qal ukoll li xi nofs siegha wara dahal lura l-vann bil-Gunner Cuschieri jsuqu, u fil-vann gewwa kien hemm is-Surgent Dimech u l-imputat Pickard it-tnejn fuq wara hdejn Madou. Qal li Pickard talbu ghall-manetti u hu hadhomlu. Pickard immanettjalu jdejh u Dimech immanettjalu saqajh. Pickard qalilhom biex imorru skorta maghhom u huma telghu fil-vann, fuq wara fil-gagga fejn Madou. Dak il-hin Madou ma tkellem xejn u ma ccaqlaq xejn. Sakemm waslu sal-poloclinic ta' Rahal Gdid, ma sema' ebda diskors hlief li qalu "the shortest way" Rahal Gdid. Tul il-vjagg, xi ghaxar minuti jew kwarta, Madou ma qal xejn u ma ccaqlaq xejn, baqa' wiccu 'l fuq kif kien. Hu qabadlu idu biex jiehu l-polz, u pprova jara jekk Madou kienx qed jiehu nifs billi qieghed idu ma' mnieher Madou, u ma hass xejn. Ix-xhud hares lejn il-kollega tieghu u ma qalu xejn. Waslu l-klinika ta' Rahal Gdid u s-Surgent Dimech u l-imputat Pickard hargu u telghu ghat-tabib. Ix-xufier Gunner Cuschieri fethilhom il-bieba ta' wara u huma hargu. Madou baqa' ma ccaqlaq xejn. Pickard nizel b'siggu tar-roti, u x-xhud qal li Madou ma kienx qed jiccaqlaq. Pickard ghalhekk mar ghat-tabib, u ftit wara Madou gie certifikat mejjet. Is-Surgent Dimech qal li kien ser ninforma lis-superjuri tieghu.

Qal ukoll li l-prassi kienet li meta jkollhom jiehdu detenut il-clinic imorru bih il-Furjana. Ix-xhud kien ilu jahdem hemm sitt snin, u dejjem hekk ghamlu. Din kienet l-ewwel darba li marru Rahal Gdid. Meta kienu l-poliklinika, ftehmu

bejniethom li kellhom ighidu li d-detenut kien issara maghhom. Kien is-Surgent Dimech li qalilhom ighidu hekk. Dan il-ftehim intlahaq bejn il-hamsa li kienu. Aktar tard gew il-fizzjali superjuri taghhom, imbaghad waslu l-Pulizija.

Fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2012 xehed ukoll Lieutenant Nicholas Camilleri, li huwa l-Kap ta’ Safi Detention Service. Hu qal li dak il-lejl kien cempillu s-Surgent Dimech mill-policlinic ta’ Rahal Gdid u qallu li kien harab immigrant irregolari, kienu qabduh u waqt li qed jittiehed sal-klinika miet gol-vann fit-triq. Ghalhekk hu mar il-klinika u sab il-hames ufficjali gia’ imsemmija qabel. Hu xehed li kull meta jkollhom detenut li jahrab u jinqabad, l-ewwel ma jaghmlu hu li jittiehed fi klinika qabel ma jerga’ jittiehed fil-“barracks”, u dan sabiex jigi certifikat l-istat ta’ sahha tieghu halli, jekk meta jittiehed lura shabu stess iduru ghalih u jaghtugh xebgha hadd ma jkun jista’ jghid li d-detenut iddahhal hekk ferut mill-ufficjali. Qal ukoll li fil-“barracks” hemm madwar 730 detenut, waqt li bhala numru ta’ staff hemm xi 70, izda dawn jinqasmu f’erba’ gruppi li jahdmu “shift” ta’ xoghol, u ghalhekk ikun hemm 12-il ufficjal fic-Centru kollu f’hin wiehed mas-730 detenut.

Xehed l-Ispettur Keith Arnaud, li spjega fid-dettall kif l-investigazzjoni taghhom wasslet biex tressqu t-tlitt ufficjali tal-armata. Hu qal li fil-lejl tad-29 u t-30 ta’ Gunju ta’ l-2012 ghal habta tas-siegha neqsin kwart ta’ filghodu, l-Pulizija tar-Rahal Gdid gew infurmati minn Dr. Mario Abela li huwa t-Tabib tac-Centru tas-Sahha tar-Rahal Gdid li kien ghadu kemm iccertifika mejjet detenut go vann tad-Detention Services li kien ipparkjat quddiem l-istess Centru tas-Sahha. Fuq il-post marru mal-ewwel Pulizija tad-distrett u infethet inkjesta mill-Magistrat

ta’ l-Ghassa Dr. Miriam Hayman. Minn dak li rrizulta fuq il-post gie stabbilit illi l-Immigrant kien jismu Mohammed Abdalla li ghandu Immigration Police Number 08000-36. Kien imwieled il-Mali fis-sena 1980, missieru Abdullai u ommu Fantha u skond ir-records ta’ l-Immigration kien wasal Malta permezz tal-bahar flimkien ma’ disgha u sebghin immigrant iehor fl-24 t’Awwissu 2008. Mir-records ta’ l-immigration irrizulta wkoll li dan l-istess immigrant kien harab mic-Centru ta’ Hal Safi tad-detenzjoni fit-30 ta’ Marzu 2009, sa ma nstab aktar kmieni dakinhar tad-29 ta’ Gunju 2012.

Dak in-nhar fuq il-post kien hemm ukoll qeghdin jeskortawh hames ufficcjali tad-detenzjoni li huma tlieta minn ta’ l-Armata ta’ Malta u tnejn pajzana ‘casuals’ li huma Detention Services Officers. Il-persuni kienu inkarigati minn dawn il-hamsa, kien is-Surgent Mark Anthony Dimech. Mieghu kien hemm Bumbardier Gordon Pickard u Gunner Clive Cuschieri li dan kien ix-xufier tal-vann u d-DSO kienu Frans Scerri u Mark Cuschieri. Dawn ilkoll kienu nstabu fuq il-post fejn il-vann u kienu gew mitkellma separatament mis-Surgent 167 li kienet marret l-ewwel wahda minn tal-bidu fuq il-post. Haditilhom il-verzjoni kelma b’kelma u sussegwentement ghamlet rapport fis-sistema tal-Pirs. Din tinsab esebita a folio 151 tal-process.

Minn hemm hekk il-vann gie mehud il-kamra mortwarja sabiex jigi ezaminat il-kadavru ghal xi sinjali ta’ vjolenza fuqu. Gie stabbilit li fil-vann kien hemm dan l-immigrant, li kien wiccu ‘l fuq, mejjet. Kellu jdejh immanetjati n-naha ta’ quddiem li kienu jigu fejn sidru u kien hafi. Kien liebes three quarters, jeans tat-three quarters, qisa qmis minn taht u flokk iehor abjad tac-cingi fuqu. Fil-

vann il-manetti li kellu kienu manetti tal-hadid illi mbghad sussegwentement meta gew esaminati kellhom serial number 0000309. Visibli dak il-hin ma dehrux li kellu xi sinjali ta' vjolenza fuqu hlief xi marka zghira fuq irkoptu, brix prattikament kienu u xi haga zghira ohra simili taghha fil-minkeb ukoll.

Il-persuna iddahhal il-kamra mortwarja. Gie iccekjat ghal xi sinjali ohrajn li seta' kellu minn taht il-hwejjeg pero f'dak il-hin ma nstab l-ebda sinjali ta' vjolenza fuq il-gisem. Sa dan il-hin matul il-lejl l-ufficjali li kienu mal-vittma kienu diga gew arrestati ghal fatt illi, minkejja li ma kienx hemm sinjali ta' vjolenza, kien hemm suspett qawwi li seta' kien hemm 'foul play' f'dan il-kaz. Kienu gew separati u anke ttiehdu l-mobiles taghhom, ingabru l-mobiles taghhom li kellhom fuqhom, li dawn il-mobiles kienu ghaddew lill-Espert mahtur mill-Qorti Dr. Martin Bajada ghal aktar analizi.

Dak in-nhar stess, fid-9 ta' filghodu, kienet saret l-awtopsja fuq il-katavru fejn minn dak li kkonkludew il-patologisti u l-Espert mediku Dr. Mario Scerri, gie determinat li l-kawza tal-mewt kienet ikkawzata minn heart failure illi l-heart failure grat minhabba ugiegh kbir illi ssofra l-mejjet kemm fil-parti genetali tieghu u kif ukoll fuq iz-zewg nahhat ta' genbu. Jigifieri l-kawza tal-mewt kienet kawza ta' ugiegh kbir li ssofra f'dawk il-partijiet, kemm genetali u kif ukoll minn genbu u ghaldaqstant giet ikkonfermata li l-kawza tal-mewt ma kinetx dik naturali.

Fil-fatt qabel ma bdiet l-awtopsja, kienu gew mitkellma il-hames ufficjali li kienu arrestati. Minn dak li gie rrapurtat fl-okkorrenza, minn dak li qalu l-

hames persuni lis-Surgent ta’ fuq il-post u anke minn dak illi bdew jghidu lill-Pulizija fl-ewwel verzjoni li taw fuq il-post, il-verzjoni taghhom kienet illi l-immigrant kien harbilhom minn gewwa c-Centru ta’ Detenzjoni ta’ Hal Safi fil-hin illi kienu qeghdin johorgu, jittrasferuh gewwa dak ta’ Hal Far ghal fatt illi hu kien qed igib ruhu hazin mad-detenuti l-ohra u bhala prekawzjoni kienu ser jittrasferuh f’cella ghalih gewwa Hal Far. Minn dak li qal is-Surgent Dimech u anke Clive Cuschieri lill-Pulizija, irrizulta illi ghal habta tat-tlieta u nofs, huma rcievew telefonata l-base taghhom li kien hemm persuna li kienet issuspetta li kienet mahruba gewwa c-Centru tas-Sahha tal-Floriana. Kienu gew infurmati minn naha ta’ l-ghassa tal-Pulizija biex imorru fuq il-post biex jiccekjaw dwaru ghax kien hemm suspett li kien mahrub. Peress li kienu short staff, l-ewwel ma kienu marru, kienu marru zewg Units. Kien marru Unit minn naha tac-Centru ta’ Hal Safi, li fil-fatt kienu s-Surgent Dimech u l-Gunner Clive Cuschieri u maghhom kien hemm ukoll Gunner Frans Dalli li mar l-ewwel darba fit-tlieta u nofs biex jigbru lil dan l-immigrant. Apparti minn hekk kien mar team iehor minn naha ta’Hal Far li kienu Gunner Paul Mario Muscat u d-Detention Services Officer Chris Parnis. Kienu marru l-klinika tal-Furjana.

L-immigrant kien mar il-klinika tal-Furjana minn jheddu. Mar talab ghal xi Catafast lit-tabiba. Beda jagixxi b’mod stramb, beda jaghmel affarijiet mhux normali, skond kif spjega is-Surgent. Beda jizfnilhom fil-klinika, jghajjat, jghid affarijiet illi ma jaghmlux sens, pruvaw isaqsuh ghal Identification tieghu, qallhom li m’ghandux pero mbghad irrizultalhom li kien harab mic-Centru. Skond is-Surgent dan qal li ma kienetx normali, li bniedem jigi jghidlek li mahrub pero fil-fatt hekk irrizulta. Minn hemmhekk ittiehed mal-ewwel, gie moghti mill-Pulizija lill-Armata u ttiehed ic-Centru ta’ Hal Safi. Hemmhekk dak

il-hin is-Surgent Dimech kien is-superjur u ha decizjoni li jittiehed fil-B Block lower, li huwa post fejn hemm ammont iehor ta’ immigrati u huwa post fejn normalment jinzammu l-immigranti.

Matul il-hin beda, dan l-istess immigrant beda jaqla’ problemi gewwa l-B Block lower ma’ shabu l-immigranti fejn dan, apparti li beda jizfen, ghal bidu beda jdahhaq il-kumplament ta’ shabu, mal-hin beda jidhol fil-kmamar ta’ shabu, jaqbad johdilhom iz-zraben, johdilhom l-oggetti taghom, il-blalen u joqghod u beda jaqla’ hafna paroli tant li anke beda jissogra, illi kif qalulhom l-immigranti stess bdew igergru ma’ l-ufficcjali tad-Detenzjoni biex johorguh minn hemmhekk ghax bdew jheddu li ser jaghmlu xi rewwixta jew inkella ha jaggredixxuh u jsawtuh talli beda jdejjaqhom. Fil-fatt fejn imbghad dahal ix-“shift” tal-lejl, dan l-immigrant gie rega’ mehud lura l-klinika tal-Floriana sabiex jigi ezaminat halli jaraw jekk hux kollox sew, fil-kaz jekk ikun hemm bzonn li jittiehed Monte Carmeli ghal aktar kura, tittiehed din id-decizjoni. Fil-fatt hemm hekk kien gie, ittiehed ghal habta tad-disgha ta’ filghaxija l-Floriana, fejn Gunner Cuschieri rega’ kien ix-xufier tal-vann u mieghu kellu z-zewg DSO’s Cuschieri u Scerri peress li mbghad dak il-hin kienu dahlu x-xoghol ta’ bil-lejl. Hemmhekk gie invistat minn Dr.Satia Brata Das tabib lil ghandu registrazzjoni ta’ Medika numru 2141 fejn ghal bidu tkellem normali mieghu, irrispondih kollox x’beda jghidlu pero’ f’daqqa wahda rega’ beda jghidlu affarijiet fuq meta kien zghir, il-mod kif twieled, li skond it-tabib beda jghidlu affarijiet li ma tantx jaghmlu sens. Minkejja dan kollu pero t-tabib ghamillu referral ghal Psyciatric Unit ta’ l-isptar Mater Dei pero’ mhux ghal dak in-nhar stess, izda ghal l-ghada filghodu.

Anke waqt l-ewwel parti ta' l-interrogazzjoni, il-hames ufficcjali - inkluz l-imputat - qalu illi mill-kuntatti lil kellhom ma' dan l-immigrant, sa dan il-hin fl-ebda mument ma' kien vjolenti. Beda jagixxi vera mhux normali pero bhala vjolenza sa dan il-hin kien ghadu ma wera' xejn lejn l-ebda ufficcjal jew l-ebda immigrant iehor. Il-Pulizija staqsiet ukoll jekk jafux gewwa c-Centru ta' Detenzjoni kienx hemm xi hadd li aggredieh hu, jigifieri jekk kienx involut f'xi glieda ma' xi immigrant iehor u wiegbu li le. Tant li ma kienx hemm l-ebda glied, l-immigranti bdew iwwissuh li jevitaw li jkun hemm problemi.

Kif lestew mill-klinika, l-immigrant ittiehed lura l-B Block fejn kien qabel pero' hemmhekk ftit tal-hin wara li dan rega' ddahhal, l-inkwiet rega' kompla. Rega' bdew il-complaints, rega' bdew l-istess theddid ta' rewwixta, theddid li ser isawtuh u f'dak il-hin is-Surgent hemmhekk, kif qal hu hass li huwa mportanti li akkost ta' kollox jaqilghu minn hemmhekk biex jevita l-problemi. Ikkuntattja c-Centru ta' Hal Far u sablu post hemmhekk u bdew jippreparaw biex johorguh halli jehduh, jittrasferuh gewwa Hal Far. Kif spjega wkoll il-Lieutenant Camilleri fuq il-post hemmhekk fejn jinzammu l-immigranti, l-B Block, hemm il-main gate li ddahlek gewwa l-Blokk u mbghad ghandek gate ohra, ghandek entrata, ghandek gate li tati fis-section fejn hemm l-immigranti u n-naha l-ohra hemm il-bieb lejn il-guard room. F'dak il-hin li kien qed jinhareg, mar johorgu s-Surgent Dimech, ghajjatlu s-Surgent Dimech biex johrog minn gos-section ta' l-immigranti. Fil-komun, fl-area fl-intrata hemmhekk kien hemm is-Surgent u l-Bumbardier Pickard li kienu night shift. Kien hemm il-Gunner Cuschieri, ix-xufier tal-vann u kien hemm xi DSO's illi kienu anke fil-guard room. Kien hemm ukoll DSO Aaron Gravina, li mbghad dak kien qieghed fuq wara tal-gate li kien qieghed hemmhekk fuq ordni tal-Bumbardier Pickard, l-imputat, biex joqghod

mal-gate. Hargu s-Surgent Dimech minn gewwa s-section. Is-Surgent Dimech kien ghadu qed jitkellem ma' xi immigrati ohrajn minhabba li l-complaints baqghu kontinwi, kontra dan l-immigrant. Harguh minn gewwa s-section mhux immanetjat u hemmhekk kien hemm l-imputat u Cuschieri fejn f'daqqa wahda, dan l-immigrant irnexxielu jghaddi minn bejniethom, ta s-salt ghal gol-gate, qeleb lil DSO Gravina li kien hemm mal-gate u harab minn gol-B Block. Minn dak li qalu Dimech, Clive Cuschieri u anke l-imputat, l-immigrant ta s-salt qalb is-sigar lil f'dak il-hin kienu naqra mudlama, qabez ir-recint u gie fit-toroq ta' Hal Safi. Dak il-hin grew warajh Clive Cuschieri, l-imputat u s-Surgent Dimech. Ma lahquhx. Dak il-hin stess Clive Cuschieri rikeb fil-vann ta' detenzjoni li huwa l-istess wiehed li eventwalment instab mejjet fih u bdew ifittxu fic-Centru tad-Detenzjoni. Ma nstabx u ovvjament assumew li qabez barra. Clive Cuschieri rikeb lis-Surgent Dimech fil-vann u grew 'l barra mic-Centru ta' Detenzjoni u l-imputat Pickard rikeb fil-karozza tieghu personali u wkoll hareg 'l barra biex ifittxu lil dan l-immigrant. Qabel ma hareg Pickard ordna lil xi DSO's biex jiehdu postu biex ma jhallux ic-Centru wahdu, halli ikun hemm xi hadd ghassa, u hu hareg 'il barra. Minn kif intqal lill-Pulizija waqt l-interrogazzjoni tas-Surgent Dimech, ta' Clive Cuschieri u anke tal-imputat, jidher li l-imputat lemhu f'xi toroq barra pero ma rnexxilux izommu u mbghad aktar tard kien il-vann ta' Detenzjoni li lemhu lil l-immigrant fit-triq ta' Rqajja Hal Safi. Skond kif qalu rah is-Surgent Dimech, waqt li kien fil-vann, tefghu mal-genb u nizlu ghalih is-Surgent Dimech u Gunner Clive fejn dan l-immigrant kien qed jistahba wara vann blue li kien ipparkjat fejn garaxx f'din it-Triq Rqajja.

Dak il-hin is-Surgent u l-Gunner ma kellhomx manetti fuqhom peress li hargu malajr mic-centru u nqabdu minghajr matennti. Huma ppruvaw izommuh kif

setghu billi ma jhalluhx jahrab pero skond kif spjegaw li kien vjolenti hafna u dak il-hin kien l-ewwel mument li raw lil dan l-immigrant isir aggressiv ghax sa dak il-hin kien ghadu ma wera' l-ebda tip ta' vjolenza lejhom. Spjegaw li pprova jtihom bir-ras, itihom bis-sieq u b'idejh u anke gidimhom it-tnejn li huma. Fil-fatt waqt li qed jigi mitkellem ukoll is-Surgent Dimech kellu marki evidenti ta' gdim f'idejh. F'dak il-hin wasal l-imputat bil-karozza tieghu. Rahom qeghdin jissaraw mieghu biex izommuh. Intervjena u hemmhekk irnexxilhom jkollhom kontroll ta'din il-persuna. Gabu l-vann, qabduh fil-vann u marru lura bih ic-Centru ta' Detenzjoni. Issa peress li ma kellhom manetti, il-Gunner Cuschieri saq il-vann lejn ic-Centru. L-imputat u s-Surgent Dimech qghadu fil-gagga ma' l-immigrant b'ta li mod li ma jhalluhx jiccaqlaq peress li ma kienx marbut. Sadanittant mat-triq is-Surgent Dimech cempel ic-Centru biex ilestulu xi manetti u zewg DSO's biex ikunu jistghu imorru skorta mieghu. Fil-fatt kif wasal hemmhekk ghajjat lil DSO's Cuschieri u Scerri. Gabulhom il-manetti u hemmhekk l-imputat libbislu l-manett f'idejh u s-Surgent Dimech libbislu l-manetti f'saqajh.

Skond l-ewwel verzjoni li kienet taqbel tal-hamsa li huma, fil-mument li dahlu gewwa l-Barracks ta' Hal Safi, l-immigrant kien ghadu jirrezisti l-arrest. Baqa' jirrezisti ghal-ahhar tant li huma u sejrin mat-triq qalu li baqa' jirrezisti l-arrest, baqa' jirrezistihom ghal-ahhar. Skond kif spjegaw, kif waslu fuq il-post, Dimech mar informa l-control room taghhom li kienu ser johduhom il-klinika. Inghatat ordni liz-zewg DSO's biex jidhlu fil-gagga mieghu, ma' l-immigrant, u l-membri ta' l-ufficcju ta' l-armata dahlu n-naha ta' quddiem tal-vann. Is-Surgent Dimech qaghad bil-qieghda fejn ix-xufier u l-imputat qaghad fuq is-'seat' ta'wara tax-xufier u minn hemmhekk saqu lejn ic-Centru tas-Sahha. Mat-triq hemmhekk

ittiehdet id-decizjoni bejn l-AFM, bejniethom li kienu quddiem sabiex tittiehed fi kliemhom, li l-kliem li uzaw huma ‘the shortest way lejn il-klinika’ u hemmhekk ittiehdet id-decizjoni biex imorru c-Centru tar- Rahal Gdid. Kif waslu hemmhekk is-Surgent Dimech u l-imputat telghu fuq ghand it-tabib biex jaraw jekk jistax jarahom hemmhekk peress li mhux normali li jmorru f’dak ic-Centru, ma kinetx l-area taghhom. Kif kellhom il-konferma li iva jista’ jarahom Dimech talab lit-tabib biex jaralu l-injuries li kellu hu u l-imputat qabad wheelchair u nizel ghall-immigrant. Sa dan il-hin ix-xufier kien hareg minn postu, fetah il-bieba ta’ wara u qaghad jistenna risposta fejn iz-zewg DSO’s li kienu fil-vann. Hemmhekk kif waslu fuq il-post, skond kif qal fl-ewwel verzjoni tieghu Scerri, id-DSO, indunaw li l-immigrant ma kellux hajja, lanqas ma beda jiccaqlaq. Kif gie l-imputat bil-wheelchair qallu isma’ dan mhux qed jiccaqlaq. L-imputat rega’ mar lura, qal lit-tabib, nizel it-tabib Dr. Mario Abela u kien hemmhekk li qallhom li ccertifikah li jinstab mejjet.

F’din il-verzjoni, il-mod kif spjegaw il-hames ufficjali, dan qanqal suspett qawwi, peress illi ma kienx car x’seta’ gara fit-triq mill-Barracks ta’ Hal Safi lejn ic-Centru ta’ s-sahha ta’ Rahal Gdid, li hemm distanza ferm qasira, ghall-fatt li qalu li dak kien qed jirrizesti l-arrest pero f’daqqa wahda sakemm waslu r-Rahal Gdid, miet. Kien hemm suspett kbir x’seta’ gara tant li l-Pulizija baqghet tinterroga fit-tul liz-zewg DSO’s sabiex jigi stabbilit fuq kollox x’seta’ gara mat-triq la darba l-immigrant filli kien haj u, skond kliemhom, jirrezisti, u f’daqqa wahda dan spicca mejjet. Kien hawnhekk illi l-investigazzjoni hadet zvolta differenti fejn iz-zewg DSO’s spjegaw illi ma kien veru xejn illi kif dahal ic-Centru ta’ Hal Safi l-immigrant kien qieghed jirrezisti izda spjegaw illi kif resqu lejn il-vann huma u taw il-manetti liz-zewg ufficcjali li kienu fil-vann, jigifieri lill-

imputat u lis-Surgent Dimech, f'dak il-hin huma ma raw l-ebda resistenza min-naha ta' l-immigrant. Spjegaw illi huma raw lill-immigrant lagenba fuq il-genb tieghu, in-naha tal-lemin. Is-Surgent in-naha ta' saqajh u l-imputat in-naha ta' fuq ta' gismu.

Kif tawhom il-manetti ma kien hemm xejn resistenza minn naha ta' l-immigrant, tant li kif gebdulu jdejh biex jimmanetjawh idejh prattikament ingibdet u ma kienx hemm cans li huwa jigbida lura ghax kif gibduwielu qaghdet. Qalu wkoll li kif qamu minn ma genbu l-immigrant qisu dar wiccu 'l fuq u kif dar baqa'. Spjegaw il-pozizzjoni li kien jinsab fiha li kien eventwalment kif instab mejjet, rasu n-naha ta' barra u saqajh in-naha ta' gewwa tal-vann, wiccu 'l fuq. Spjegaw ukoll illi qalilhom il-Bumbardier Pickard biex jitilghu fil-vann halli jmorru skorta maghhom il-klinika. Spjegaw illi minn hemmhekk saqu lejn ic-Centru tas-Sahha fejn mat-triq, skond kif spjega DSO Scerri, l-immigrant rega' ma ccaqlaq xejn mill-pozizzjoni li kien, tant li mat-triq Scerri pprova jiccekjalu jekk ghandux polz, ma hasslu xejn pero meta mistoqsi jekk infurmax lill-kollegi tieghu, li kienu quddiem, qal li ma nfurmahhomx ghax ma kienx cert jekk kienx qed jaghmel l-ezami tal-polz sewwa. Id-DSO's qalu li semghu lill-membri tal-armata jitkellmu bejniethom fil-vann ghall-fatt illi l-vann, bejn il-gagga u quddiem, minkejja li hemm partition, storbju jew movimenti jinstemghu ghax il-gagga m'hijiex maghluqa sa mas-saqaf. Gew esebiti sett ta' hdax-il ritratt li jindikaw il-vann in kwistjoni.

Id-DSO's semghuhom jitkellmu 'the shortest way' u kif waslu fuq il-klinika raw lis-Surgent Dimech u l-Bumbardier Pickard telghin fuq u sadanittant, skond kif

spjega Scerri, huwa hallu l-manetti ta' saqajh lill-immigrant u kif nizel bil-wheelchair lura l-imputat, Scerri qallu isma' dan mhux qed jiccaqlaq. Hemmhekk rega' kompla bil-verzjoni tieghu. Marru fuq, gie it-tabib, gie mbghad ccertifikah li kien mejjet. Iz-zewg DSO's mbaghad gew mitkellma. F'varjazzjoni ta' dan kollu, id-DSO kien spjega illi qabel ma hargu mill-Barracks, il-vann waqaf x'imkien gewwa l-Barracks stess u tlett membri ta' l-Armati nizlu u tkellmu ghal hin qasir. Nizlu mill-vann ghal hin qasir u mbghad regghu telghu fil-vann.

Meta gew mistoqsija ghalfejn ghamlu hekk, id-DSO's qalu t-tnejn li huma illi fil-hin li kienu c-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, sakemm gew il-Pulizija u xi membri ta' l-Armata Surperjuri taghhom, il-hamsa li huma tkellmu dwar x'ghandhom jghidu lill-Awtoritajiet. Allura d-DSO's, xi hadd minn ta' l-Armata li fin-naha ta' Marco Cuschieri kien irrimarka li kien propju Pickard l-imputat li qal hekk, kienu ghaddew qishom kummenti. Qallu isma' ejja nibqghu nghidu lkoll li l-immigrant irrezistina sa' l-ahhar, baqa' jirrezisti sa' l-ahhar halli hadd minna ma jghali. U din kienet, skond id-DSO's ir-raguni li taw ghal-ewwel verzjoni taghhom, fejn bdew jghidu li l-immigrant baqa' jirrezisti anke fil-vann u kienu ghalhekk li huma qalu dik il-verzjoni.

L-Ispettur esebixxa l-okkorrenza maghmula minn WPS 167 li fiha hemm imnizzla l-verzjoni kif kitbet kelma b'kelma tal-hames ufficcjali, okkorrenza ohra maghmula minn PC 618 u PC 1134 li tirrigwarda dak il-hin minn meta mar l-immigrant mar ic-Centru tas-Sahha tal-Furjana minn jheddu wara nofs in-nhar fejn qallhom li huwa kien mahrub mic-Centru u ried xi medicina. Esebixxa wkoll

ic-certifikat maghmlul minn Dr. Glenn Micallef tas-Surgent Dimech fejn dan kien maghmul mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, li gie fis-siegha u nofs ta' filghodu minhabba li qabel ma gew arrestati kien ezaminahom it-tabib, fejn fih hemm l-injuries tas-Surgent Dimech fil-hin li hu u Gunner Cuschieri ghamlu l-arrest tal-immigrant. Esebixxa wkoll certifikat minn Dr. Mario Abela, fil-hin tas-siegha u ghoxrin ta' filghodu, certifikat ta' Clive Cuschieri li fih hemm l-injuries li soffra hu. Gie esebit ic-certifikat tal-mewt mahrug minn Dr. Mario Abela datat 30 ta' Gunju fin-nofs siegha ta' filghodu fejn fih hemm imnizzel li huwa kien iccertifika lill-immigrant mejjet. L-Ispettur esebixxa certifikat din id-darba minn Mater Dei tas-Surgent Dimech fejn fil-hin ta' l-arrest kien ittiehed ghal aktar ezamijiet medici ghal injuries li kellu f'idejh anke minhabba l-marki ta' gdim u minhabba l-injuries li kellu. Kien rah Dr. Christian Zammit. Dokument iehor esebit kien kopja tar-referal li ghamel Dr. Das biex l-immigrant jigi ezamintat il-Psyciatric Unit ta' Mater Dei. Din il-karta instabet fil-vann meta saret tfittxija fejn fiha hawn imnizzel li ezaminah u l-ghada irreferih gewwa Psyciatric Unit. Esebixxa wkoll ir-ricevuta tal-mobile phone li ttiehed minghand l-imputat li sussegwenetement dan gie mghoddi lill=espert tal-Qorti Martin Bajada. Gew esebiti wkoll kopji tan-notamenti tat-tabib ta' Dr. Das fejn fih hemm immnizzel li huwa kien ezamina lill-immigrant fl-ghaxra neqsin kwart ta' filghaxija gewwa l-klinika tal-Floriana. Hemm il-hin li ezaminah hu u maghha hemm ukoll il-lista tal-pazjenti li ra f'dak il-hinijiet, fejn fih hemm car fi x'hin mar l-immigrant ic-Centru.

Hekk kif il-Pulizija saret taf b'dan l-izvilupp, li l-immigrant ma kien offra ebda resistenza meta kien fil-vann, regghu gew interrogati l-imputat u z-zewg ufficjali ohra. Fejn wiehed wiehed mbghad bdew jistqarru x'kien l-involviment

taghhom fil-kaz, fis-sens illi llkol it-tlieta li huma rrepetew dak kollu li qalu fl-ewwel interrogazzjoni, bid-differenza li kien hemm varjazzjoni fl-istqarrija taghhom fir-rigward ta' meta l-immigrant kien gie arrestat fejn il-vann fi Triq Rqajja. Fir-rigward tas-Surgent huwa spjega li fil-hin li arrestah, fil-hin li kien qed jigi aggredid mill-immigrant, huwa kien qisu bil-bodywieght tieghu jipprova jzomm lill-immigrant ma' l-art. Dak il-hin Clive Cuschieri kien ma genbu jipprova jghinu pero hu qisu kellu kontroll il-bicca l-kbira tal-kontroll ta' l-immigrant, pero' f'dan il-hin hu jqum bih b'kollox bil-wieqfa, u hemmhekk is-Surgent spjega li f'dan il-hin kien ser jerga' jahrabilhom. Ghalhekk Gunner Cuschieri beda jaghti bis-sieq lill-immigrant illi, skond kif spjega hu, kienu daqqiet b'sahhiethom li ta lill-immigrant. Bhala ammont ta' kemm-il daqqa tah lill-immigrant, is-Sur Dimech qal bejn wiehed u iehor hamsa, massimu sitt daqqiet. Min-naha ta' Clive Cuschieri gie ukoll affaccjat b'din l-allegazzjoni fejn anke hu stqar, ikkonferma, ikkonfessa li vera kien tah bis-sieq u qal li ghamel hekk bl-intenzjoni li jipprova jerga' jnizzlu ghax qal li rah qed jgholli lis-Surgent Dimech biex jahrab. Rah kien aggressiv u prova jtih id-daqqiet f'koxtu, skond kif spjega Cuschieri, bl-intenzjon i li jerga' jnizzlu fl-art biex ma jahrabilhomx. Mistoqsi fejn laqtu, jekk immira lejn saqajh u kkonferma li f'saqajh ma laqtux u laqtu f'partijiet ohra, fil-parti t'isfel ta' zaqqu pero' ma qalx, ma kienx jaf ezatt fejn laqtu.

Fir-rigward ta' l-imputat gie mistoqsi wkoll f'dak il-hin x'ra u fil-fatt ukoll biddel dik il-parti tal-verzjoni fejn qal li kif wasal bil-karozza tieghu privata u rahom qeghdin jissaraw ma' l-immigrant biex izommuh, hemmhekk kif kien ghadu fil-karozza ra lil Clive Cuschieri, lil Gunner, jaghti bis-sieq lill-immigrant fil-hin li s-Surgent kien qieghed imdendel mieghu. Skond l-imputat mar jigri mal-ewwel

fuq Clive, imbuttah ‘l hemm u qallu le tghaggilx. Qallu mhux hekk. Baghtu jipparkjalu l-karozza tieghu mal-genb ghal fatt li l-karozza tieghu, biex jinzel malajr, telaqha f’nofs tat-triq. Qallu mur ipparkjali l-karozza u qallu mur giebli l-vann taghna, tad-Detention, vicin taghna biex inkunu nistghu nghabbu lill-immigrant mal-ewwel fih.

Skond kif qalu mbghad it-tlieta li huma, wara li gabu l-vann, momentarjament baqa’ jirrezisti l-immigrant pero’ batta’ hafna, ma baqax bhal ma kien qabel. Kif telghu fil-vann, marru lura ghall-barracks pero’ mat-triq, anke kif qal is-Surgent Dimech, ir-resistenza kien hemm mill-inqas. Kif waslu l-Barracks, hemmhekk resistenza ma kien hemm assolutament xejn, mhux kif kienu qalu fl-ewwel verzjoni. Kif hadulu idejh biex jimmanetjawh, immanetjawh minghajr problemi. Saqajh immanetjawlu minghajr problemi pero skond is-Surgent Dimech, ghalih ma kienx mejjet. Hassu li kien ghadu jiccaqlaq xi ftit. Kif marru fejn kien il-kaz sussegwentement u gie ccertifikat mejjet, is-Surgent Dimech u anke Clive Cuschieri, ikkonfermaw illi meta kienu l-hamsa li huma fejn il-klinika, qabel ma waslu l-Pulizija, tkellmu bejniethom u ghaddew kummenti lil xulxin, bhal speci isma’ nibqghu nghidu u nsostnu li l-immigrant baqa’ jirrezisti sa’ l-ahhar, anke meta kien fil-vann. Meta gie mitkellem l-imputat Pickard, meta affaccjat b’din, qal li hu ma jiftakarx li din il-haga grat fejn il-klinika. Qal li ma niftakarx li qalu dak id-diskors. Sussegwentement imbghad kienu tressqu l-Qorti l-imputati kollha fejn il-Bumbardier Pickard kien tressaq il-Qorti b’akkuza differenti minn ohrajn, peress illi l-imputat ma ppartecipax fid-daqqiet moghtija lill-immigrant, anzi kien il-persuna illi lil Gunner Cuschieri mbuttah ‘l hemm u qallu biex jieqaf, ma jibqax jaghti lill-immigrant, pero anke minn kif qalu l-ohrajn, kien hemm dak il-ftehim ukoll fejn il-klinika, fejn qablu kollha

biex jibqghu jghidu li kien hemm resistenza minn naha ta' l-immigrant, anke fil-vann fit-triq lejn ic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid. Fil-fatt il-verzjoni li taw lis-Surgent meta waslet fuq il-post l-ewwel wahda, hekk hemm imnizzel ukoll li dan l-immigrant baqa' jirrezisti. L-istess verzjoni tawha lill-Ispetturi sakemm eventwalment imbghad bdew ibiddlu l-verzjoni. Kien ghalhekk li l-ewwel ma saret pressjoni mill-Pulizija kienet fuq id-DSO's ghal fatt li minn dak li bdew jaghtu l-ewwel darba, taw x'jifhmu li allura dan seta' miet jew inqatel fit-triq minn Hal Safi ghar-Rahal il-Gdid. Ghalhekk il_pulizija baqghet taghmel pressjoni fuqhom ghax hemmhekk skond huma, filli kien ghadu resistenti u vjolenti hafna, filli f'daqqa wahda waslu l-klinika u f'hames minuti kien miet, u mbghad hemmhekk biddlu l-verzjoni u qalu 'l ghaliex fil-fatt x'gara.

Fis-seduta tad-9 ta' Lulju xehed ukoll l-Ispettur Tony Cachia, li a skans ta' ripetizzjoni, spjega kif l-investigazzjonijiet wasslu ghal dawn il-proceduri. Kien hu li interroga lill-imputat u li hadlu l-istqarrijiet, li esebixxa fl-istess seduta.

Il-Prosekuzzjoni ghalhekk esebiet ukoll iz-zewg stqarrijiet mehuda lill-imputat. Dawn jinsabu a folio 182 u 186 rispettivament, u ttiehdu wahda nhar it-30 ta' Gunju 2012 u l-ohra l-ghada 1 ta' Lulju 2012. L-imputat ghazel li ma jiffirma l-ebda wahda minnhom. Fl-ewwel stqarrija Pickard ighid li l-immigrant baqa' jissara maghhom anke meta ddahhal fil-vann u ttiehed lura lejn ic-Centru, u kellhom jaghmlu l-manetti ma' idejh u saqajh. Qal li ma ra lil hadd mill-kollegi tieghu jaghtu lill-immigrant. Baqa' jigi interrogat fit-tul, u baqa' jinsisti li hadd fil-presenza tieghu ma kien ta lill-immigrant, u li baqa' jissara maghhom anke meta kien fil-vann.

Fit-tieni stqarrija, Pickard ighid li ra lil Cuschieri jaghti bis-sieq darbtejn lill-immigrant, fil-genb ta’ bejn zaqqu u dahru. Pickard spjega li hekk kif hareg mill-vettura privata tieghu u ra lil Cuschieri jaghti hekk bis-sieq, ghajjatlu “Tghaggilx, tghaggilx”, u qallu biex imur iressaqlu l-karozza ghax kien halliha fin-nofs. Qal li waqt li l-immigrant kien fil-vann dan ma kienx aggressiv aktar u ma rresistiex. Qal li ma kellu ebda intenzjoni li jghid liz-zewg DSO’s jitilghu mal-immigrant fuq wara tal-vann. Qal ukoll li kien waqqaf lil Clive Cuschieri milli jkomli jaghti lill-immigrant ghax gharaf li kien qabez il-limitu. Qal ukoll li l-immigrant ma offra ebda resistenza meta ghamlulu l-manetti ma’ idejh u saqajh. Qal ukoll li beza’ jitkellem ghax beza’ li jikxef lil Clive Cuschieri.

Fis-seduta tal-4 ta’ Dicembru 2012, xehed it-tabib Glenn Micallef li qal li fil-lejl bejn id-29 u t-30 ta’ Gunju 2012 kien ezamina lil Mark Anthony Dimech, is-surgent tal-armata, u ra li kellu brix u griehi ohra hfief. Waqt li qed jezaminah dahal membru iehor tal-armata u talab biex xi hadd jinzel jezamina immigrant li kellhom isfel fil-vann. Tabib iehor li kien fil-klinika dak il-hin, Dr Mario Abela, wiegeb li l-persuna kellha tittella’ fil-klinika biex tigi ezaminata, u mhux jinzel tabib jaghmel ezami mediku fil-vann. Dak is-suldat, izda, baqa’ jinsisti biex xi hadd jezaminah isfel fil-vann “...ghax kien qed ikun aggressiv u hekk”. Allura nizel Dr Abela, peress illi kellu konsulta barra l-klinika u qal li fil-kaz jesaminah hemm u jghidilhom biex itellghuh u jkomplu jezaminawh sew fil-klinika kif suppost. Dr Abela, izda, tela wara ftit u qal li l-immigrant kien mejjet u li ghalhekk kien ser jinforma lill-Pulizija. (Ix-xhud m’gharafx min kien is-suldat li talab li jinzel it-tabib jara lid-detenut fil-vann, izda l-Qorti tifhem li ma hemmx kontestazzjoni li dan kien l-istess imputat Pickard. Dan il-fatt hareg ukoll minn provi ohra, peress illi Gunner Cuschieri baqa’ barra hdejn il-vann, mentri

Pickard tela’ ghal “wheelchair” u Dimech kien qed jiddewwa mil-feriti li kellu. L-ufficjali l-ohra Francis Scerri u Marco Cuschieri ukoll baqghu barra hdejn il-vann).

Fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2013, xehed it-tabib Mario Abela li qal li meta kien fil-klinika ta’ Rahal Gdid fil-lejl in kwistjoni, waqt li l-kollega tieghu kien qed idewwi membru tal-armata, gie suldat iehor u talab l-assistenza ghax kellhom xi hadd fil-vann taghhom li kellu jigi ezaminat. Meta x-xhud wiegeb u qal biex dik il-persuna tittella’ fil-klinika, huma qalu li “...jista’ jkun illi jkun aggressiv”. Ghalhekk it-tabib Abela haseb li hu u hiereg ghall-vizta l-ohra li kellu seta’ jieqaf u jezamina lil dik il-persuna. Meta nizel isfel talab li jinghata “torch” ghal ftit dawl, ezaminalu ghajnejh, fittixlu ghal polz u nifs, u ma sab xejn, u ccertifikah bhala mejjet. It-tabib Abela ukoll m’gharafx min kien dan is-suldat li talab l-assistenza tieghu.

Il-Prosekuzzjoni tellghet xhieda ohra, kemm dawk li hadu sehem fl-inkjesta, kif ukoll dawk li kienu raw lil Madou fil-klinika tal-Furjana. Dawn ix-xhieda huma periferali ghall-mertu ta’ dan il-kaz, u ma jidherx li hemm xi kontestazzjoni dwar iz-zewg vizti li kien ghamel fil-klinika tal-Furjana, jew dwar l-arrest tieghu minn Dimech u Cuschieri. Il-materja li trid tezamina l-Qorti hija ristretta biss ghal jekk kienx hemm arrangament biex tinheba l-verita’, jew le.

In difesa, rega’ sar kontro-esami ulterjuri kemm tal-Ispettur Arnaud kif ukoll tal-Ispettur Cachia. Minn dawn il-kontro-esamijiet il-Qorti ma rat ebda fatt gdid li ma kienx gia’ trattat fid-deposizzjoni originali taghhom. Id-difiza ghamlet

enfasi f'dawn il-kontro-esamijiet fuq ix-xiehda moghtija minn Francis Scerri u Marco Cuschieri, li ma qablux bejniethom fuq jekk kienx Pickard jew is-Surgent Dimech li qalilhom biex ighidu lil-immigrant baqa' jissara. L-ufficjali tal-Prosekuzzjoni wiegbu li huma kellhom indikazzjoni bizzejjed li l-imputat Pickard kien partecipi fid-decizjoni li ttiehdet bejniethom biex jostru l-provi u jaghtu verzjoni lill-awtoritajiet li ma kienetx il-verita'. Id-difiza ghamlet enfasi wkoll fuq l-ghazla tal-poliklinika, peress illi din kienet wahda mill-fatturi li l-Pulizija gibditilhom l-attenzjoni taghhom. Il-procedura ordinarja kienet li kull detenut jittiehed ghall-klinika tal-Furjana, izda dawn marru l-klinika ta' Rahal Gdid. Ma rrisultax li hemm xi 'policy' esplicita jew direttiva miktuba li hija dejjem il-klinika tal-Furjana li ghandha tintuza.

Xehed ukoll l-imputat, li qal li kien taht pressjoni konsiderevoli meta ttiehdu l-istqarrijiet tieghu, u li ghalhekk kien nesa' jghid li kien ra lil Cuschieri jaghti bis-sieq lill-immigrant. Qal li hu dejjem qal il-verita' u dejjem ghen lill-Pulizija f'din l-investigazzjoni. Qal li kien is-Surgent Dimech li qalilhom biex kollha kemm huma jghidu li l-immigrant baqa' jissara maghhom. Hu qatt ma fetah halqu biex haddiehor ma jghidx il-verita'. Hu innega li qatt ftiehem ma' haddiehor biex ma jghidx il-verita'. Meta mistoqsi in kontro esami ghalfejn kien qal fl-ewwel versjoni tieghu li l-immigrant kien aggressiv, baqa' evaziv fir-risposti tieghu u baqa' jghid li qatt ma qal hekk. Rega' qal li kien nesa jindika li Clive Cuschieri kien ta' bis-sieq lill-immigrant.

**Ikkunsidrat;**

Mill-provi prodotti rrisulta ampjament ippruvat kif graw dawn il-fatti. Mohammed Abdalla, maghruf ukoll bhala Avadi Madou, aktar kmieni dakinhar, fid-29 ta' Gunju 2012, kien mar il-poliklinika tal-Furjana ghal xi assistenza medika. Meta t-tobba u l-infirmiera t'hemmhekk ma setghux jikkomunikaw sew mieghu, huma talbu l-assistenza tal-membri tal-Armata. Madou gie identifikat bhala persuna li kien mahrub mic-Centru ta' Detenzjoni, u kien ilu hekk mahrub sa mis-sena 2009. Ghalhekk, meta waslu tal-Armata fuq il-post, hu rega' ittiehed fic-Centru ta' Hal Safi. Beda jilmenta minn ugigh f'rasu u f'zaqqu, u rega' ttiehed l-istess klinika l-Furjana. Gie esaminat u ttiehed lura l-"barracks", b'appuntament ghal Mater Dei ghall-ghada 30 ta' Gunju. Hekk kif rega' kien fil-kustodja tac-Centru, irnexxielu jaghti s-salt u jerga' jahrab. Kien f'dan il-mument li marru jfittxuh Dimech u Cuschieri, kif ukoll Pickard. Irrisulta wkoll li Madou instab minn Dimech u Cuschieri, u gie maqbud minnhom wara li Madou kien baqa' jirresisti u jipprova jahrab minn taht idejhom. Kien f'dan il-mument li wasal Pickard, u rrisulat wkoll li Pickard lemah lil wiehed mis-suldati jaghti bis-sieq lil Madou. Ghalhekk Pickard gera ghal fuq u waqqfu milli jkompli jaghtih. Madou tqieghed fil-vann, fuq in-naha ta' wara tal-vann, u Cuschieri saq lura sac-centru, bl-imputat Pickard u s-Surgent Dimech riekbin fil-vann fuq wara hdejn Madou.

Minn hawnhekk tibda dik li l-Qorti tara bhala il-"messa in scena" li hargu biha t-tlitt ufficjali tal-armata. Mela gie stabbilit li Clive Cuschieri ta daqqiet ta' sieq lil Madou biex 'inizzlu'. Gie stabbilit ukoll li Pickard waqqaf lil Cuschieri milli

jkompli jaghti lil Madou. Tant hu hekk li Pickard ighid lil Cuschieri biex imur jipparkja l-vettura tieghu u jgib il-vann. Mela huwa evidenti li f'dan l-istadju, Madou mhuwiex aktar aggressiv. Huwa verosimili ghall-Qorti li, f'dan il-mument, Madou huwa mitluf minn sensih. Kieku ma kienx hekk, ma jaghmel ebda sens li, minn zewg suldati jarrestaw persuna, issa fadal biss is-Surgent Dimech ma' Madou. Huwa evidenti ghall-Qorti li Madou mhuwiex aktar qed joffri resistenza. Di fatti, il-griehi li hu sofra f'dan l-arrest wasslu ghall-mewt tieghu f'hin approssimattiv ta' anqas minn nofs siegha, u miet kagun tal-ugigh li kellu bid-daqqiet ta' sieq li qala'.

Il-Qorti hi tal-fehma li kien proprju f'dan il-mument li t-tlieta li huma hargu bl-idea li jghidu li Madou baqa' jissara maghhom, u biex ikollhom alibi ftehmu li jzeffnu fin-nofs liz-zewg DSO's, Francis Scerri u Marco Cuschieri, biex jitolbuhom il-manetti u jtellghuhom maghhom fil-vann, halli tinghata impressjoni li kien hemm bzonn sahansitra hames ufficjali ma' persuna mitlufa minn sensiha, qed tmut bil-mod fil-vann tal-armata, mixhuta mal-art. Ma setghux jibqghu huma t-tlieta biss ma' Madou, ghax is-suspett kien jaqa' fuqhom biss u kien ikun aktar facli li tohrog il-verita'. Minnflok, iddecidew li jitolbu ghall-manetti, imorru lura l-barracks, iwaqqfu l-vann 'il barra mix-xatba, ibexxqu l-bieb tal-vann ma jmurx il-midrub mejjet iqum u jerga' jahrab, u jippruvaw idahhlu zewg persuni estraneji ghall-fatti u innocenti, biex ma taqax htija fuqhom. Dawn tlitt ufficjali li suppost iharsu s-sigurta' tal-pajjiz, jaghzlu li jostru l-provi halli l-verita' ta' kif miet Madou ma tohrogx.

Il-Qorti qed tasal ghal din il-konkluzjoni ghax ma hemmx spjegazzjoni ohra. Ma kien jaghmel ebda sens li, minn tnax-il ufficjal addett mac-Centru ma’ seba’ mija w tletin detenut, addirittura hamsa jmorru ma’ detenut wiehed – li m’hu qed joffri ebda resistenza u m’hu qed juri ebda sinjal ta’ hajja – u jhallu seba’ ufficjali biss mac-Centru kollu. Huwa kontro-sens ghall-ahhar. L-anqas intalbet ambulanza, haga li almenu wiehed minnhom kien imissu kellu l-qalb li jcempel ghaliha. Le, minnflok icemplu c-Centru ghall-manetti, biex jaghmlu l-manetti ma’ persuna qed tiehu l-ahhar nifs ta’ hajjitha. Ghall-Qorti hekk graw il-fatti. Mal-ewwel daqqa ta’ sieq ta’ Cuschieri, jew forsi mat-tieni, jekk ma kienx hemm aktar, Madou jaqa’ mal-art u jintilef minn sensih. Pickard jinduna x’gara u jwaqqaf lil Cuschieri milli jkompli jinfexx fih, u jghidlu jmur iressaq il-karozza u jgib il-vann, halli jilhaq jikkalma. It-tlieta jindunaw li Madou qieghed hazin, forsi hazin hafna, u johorgu b’dak il-pjan, li taparsi ghadu jissara u ghadu perikoluz. Allura jitolbu ghall-manetti u jdahhlu liz-zewg DSO’s maghhom u jmorru l-eqreb klinika. U hawnhekk taghmel sens l-ghazla tal-eqreb klinika. Ghalfejn ma marrux sal-Furjana bih? Ghax gia’ indunaw li kien fi stat hazin hafna? X’kienet l-urgenza li jmorru l-eqreb klinika? Madou m’hux qed joffri resistenza ta’ xejn. Qieghed immanettjat, kwiet, b’zewg ufficjali hdejh. Ghalfejn ghazlu li jmorru l-klinika ta’ Rahal Gdid? Il-Qorti temmen li din kienet parti mill-pjan kollu biex jostru l-provi. Indunaw li Madou kien qieghed hazin, u hasbu li ahjar imorru fl-eqreb klinika. Izda din id-decizjoni ttiehdet ferm qabel ma waslu c-Centru.

Ghalhekk huma flimkien maz-zewg DSO’s imorru lejn il-klinika ta’ Rahal Gdid. Hemm jigu mitkellma mis-Surgent tal-Pulizija, WPS 167 Justine Grech, u l-hamsa jghidu li Madou baqa’ jissara maghhom anke fil-vann fit-triq lejn il-klinika. Anke l-imputat qal lis-Surgent li “tellawh gol-vann u baqa’ jissara...” u

“il-klandestin kien ghadu jissara...”. Il-hames ufficjali jigu mitkellma minn membri ohra tal-Pulizija, jirrilaxxjaw stqarrija, u Pickard jibqa’ jghid li “fl-ebda hin ma kien hemm daqqiet sakemm kont hemm jiena...” (fol. 189) u “baqa’ jaghti sakemm dhalna gewwa...”, u jerga’ “sakemm kien hemm jiena ma kienx hemm daqqiet jiena ma rajt xejn minn dan...” u jibqa’ jghid “Le ta ma kienx mitluf minn sensih, hemmhekk kien ghadu jissara...” Dan mhu xejn ghajr okkultament ta’ provi min-naha tal-membri tal-armata, inkluz l-imputat. Ma jiswa ghalxejn ghalih li jipprova jahrab mir-responsabbilta’ u jghid li nesa li Cuschieri tah bis-sieq lil Madou. Il-Qorti assolutament mhix temmen lill-imputat meta jghid hekk. Anzi tara li l-imputat baqa sal-ahhar ta’ dawn il-proceduri jipprova jinnega li kellu xi sehem fl-istorja kollha. Dan l-atteggjament tal-imputat mhux biss ma jghinx it-tezi tad-difiza, anzi jikkonvinci l-Qorti bil-kontra, li hu kien jaf ezatt x’inhu jaghmel, u ghazel li jipprova jipprotegi lil kollega tieghu u jostor il-verita’ mill-awtoritajiet, haga li bhala ufficjal pubbliku kien fid-dover li jhares milli jsir. B’dak li ghamel, l-imputat ghazel lill-kollega tieghu fuq il-hajja ta’ persuna, kien min kien, kienx immigrant jew klandestin, kien x’kien ismu.

Id-difiza ppruvat ukoll tiskredita x-xiehda taz-zewg DSO’s ghax ma qablux bejniethom dwar min kien qalilhom x’ghandhom ighidu, jekk hux Dimech jew Pickard. Kienx is-Surgent Dimech li qal liz-zewg DSO’s x’ghandhom ighidu, jew kienx l-imputat li qalilhom, ma hijiex ta’ importanza. Sa hafna qabel il-hin li marru lura l-barracks u li waslu l-policlinic ta’ Rahal Gdid, kien hemm gia’ il-ftehim bejn it-tlitt membri tal-armata. Min minnhom spicca biex ipprova jdahhal liz-zewg DSO’s u qalilhom x’jghidu mhix importanti. L-okkultament ta’

provi ta’ delitt kien diga’ beda jitwettaq mit-tlieta li huma ferm qabel, meta ghadhom kemm qabdu lil Madou u gara dak li gara.

Ghalhekk il-Qorti ma tara ebda triq ohra f’din il-kawza hlief li ssib htija fl-imputat ghall-akkuza migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant tghaddi biex taghti s-sentenza idoneja, li fil-fehma taghha ghandha tkun dik ta’ prigunerija effettiva. Il-parametri tal-piena huma minn erba’ xhur sa sena prigunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 141 tal-Kap 9 toghla bi grad minn sitt xhur sa tmintax-il xahar. Il-Qorti m’hi qed tara ebda raguni ghalfejn ghandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 111 (2)(a), 141, 17, 31 u 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghall-piena ta’ tmintax-il xahar (18) prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------